MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2007

Avviz Numru. 174/2004

**APS Bank Ltd**

**Vs**

**Ambrose Limited, William Ambrogio u Maria Ambrogio**

**Il-Qorti;**

Rat illi s-socjeta attrici pprezentat avviz fir-registru ta' din il-Qorti fejn talbet li l-konvenuti jigu kkundannati sabiex 'in solidum' bejniethom ihalsu lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn sitt mija u hamsin lira s sitta u sebghin centesmu (LM2,651.76) rapprezentanti bilanc ta' debitu tal-kont kurrenti tas-socjeta Ambrose Limited li jgib in-numru 10724830013 (Dok A) u ghal hlas ta' liema somma l-konvenuti l-ohra William u Maira Ambrogio kkostitwew ruhhom bhala garanti solidali (Dok. B u C) u dana oltre l-imghaxijiet ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru 2003.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut ‘in solidum’ inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment ma dan l-avviz u bl-imghax ulterjuri kontra l-konvenuti ‘in solidum’ b’effett mill-31 ta’ Dicembru 2003 sad-data tal-hlas effettiv. Bis-subizzjoni tal-konvenuti.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha pprezentata fir-registru ta din il-Qorti nhar 27 ta’ Mejju 2005 fejn esponew bir-rispett is-segwenti:-

1. Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante li l-ammont reklamat mhux kollu dovut.

2. Illi s-somma mitluba tinkludi interessi kapitalizzati u ghalhekk l-attrici qed titlob hlas ta’ interessi fuq interessi.

3. Illi s-somma mitluba tinkludi ammont ta’ sitt mitt lira (LM600) li l-Bank attur kellu jhallas lid-Dipartiment tal-Kuntratti minhabba nuqqas ta’ l-istess Bank.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda prodotta mis-socjeta attrici u dawk mill-konvenuti.

Ikkunsidrat.

Nhar it- 23 ta’ Gunju 2005 xehdet **Louise Spiteri** prodotta mill-Bank attur. Spjegat li d-diretturi tas-socjeta konvenuta Ambrose Ltd kienu avvicinaw il-Bank sabiex jottjenu *overdraft* temporanju fuq il-kont kurrenti li kellha din il-kumpanija mal-Bank attur fil-fergha tal-Furjana. Il-Bank permezz ta’ Sanction Letter datata 18 ta’ Gunju 1999 (Dok.LS1) kien approva dan l-‘encroachment’ ghas-somma ta’ elfejn lira maltin (LM2,000), taht il-kundizzjoni li d-diretturi tas-socjeta konvenuta jiggarantixxu dan l-‘*encroachment’* bil-garanzija personali taghhom (Dok B). Irrizulta pero li is-socjeta konvenuta eccediet dan l-overdraft ta’ elfejn lira maltin u l-Bank kien accetta li jestendi l-facilita moghtija b’elf lira (LM1,000) ohra taht il-kundizzjoni li l-konvenuti jaghmlu garanzija ulterjuri sabiex

issa jiggarantixxu lil din l-istess socjeta konvenuta Ambrose Ltd ghas-somma globali ta tlett elef lira maltin (LM3,000)( vide Dok. C).

Spjegat li l-kont in kwistjoni dejjem gie operat bhala kont kurrenti bl-*overdraft*. Gara pero li sa Gunju 2003 dan it-'*temporary encroachment*' baqa' ma giex saldat u l-bilanc dovut mis-socjeta konvenuta lill-Banka attrici f'dan il-kont kurrenti kien ta' elfejn erbgha mitt u wiehed liri u tnejn u tmenin centesmi (LM2,401.82). Il-Banka attrici talbet lil min kien qed jiggarantixxi dan il-kont u cioe l-konvenuti Ambrogio sabiex jissaldaw dan il-kont u l-konvenuti Ambrogio kienu accettaw il-bilanc dovut lil Banka attrici. Huma talbu pero li jhallsuha permezz ta' erba' pagamenti ugwali u konsekuttivi kull tlett xhur, l-ewwel pagament dovut kien fix-xahar ta' Ottubru 2003 u dan ghas-somma ta' sitt mija u hamsin lira Maltin (LM650) skond il-ftehim markat fl-atti bhala Dok. LS2. Dan nonostante pero ma sar l-ebda pagament la mis-socjeta konvenuta u lanqas mill-konvenuti Ambrogio.

Dwar il-hlas ta' sitt mitt lira Maltin (LM600) li gew imhalsa lid-Dipartiment tal-Kuntratti x-xhud jispjega illi fl-14 ta' Frar 2000 il-Bank fuq talba tal-istess konvenuti kien iggarantixxa is-somma ta' sitt mitt lira Maltin (LM600) favur dan id-Dipartiment tal-Kuntratti, kif hemm imnizzel fid-dokument relattiv (Dok. LS3 esebit fl-atti), liema garanzija kellha teskadi fi Frar 2001. Din il-garanzija kienet timplika li ma' l-ewwel talba li jaghmel id-Dipartiment tal-Kuntratti, l-Bank kien intrabat
illi jhallas is-somma ta' sitt mitt lira (LM600) basta it-talba issir qabel Frar 2001. Fuq talba tal-klijent stess din il-garanzija giet estiza ghal perijodu ta' sena ohra u cioe ghalhekk kellha tiskadi fi Frar 2002. Ix-xhud esebiet dokument markat Dok. LS4 li jindika t-talba li saret mill-kumpanija konvenuta u dokument iehor markat Dok. LS5 li huwa l-kunsens tal-Bank ghal tali talba u cioe sabiex il-garanzija tigi estiza sa Frar 2002. Bl-istess mod din il-garanzija giet estiza ghal darb ohra u cioe li tghalaq fi Frar 2003 u esebixxa d-dokumenti relattivi li gew markati bhala Dok. LS5, LS6 u LS7 rispettivament.

Qabel ma skadiet il-garanzija fi Frar 2003 id-Direttur ta-Dipartiment tal-Kuntratti kien kiteb lill-Bank u talab il-hlas tas-somma garantita ta' sitt mitt lira (LM600) u dan f'kaz li l-Bank ma kienx lest li jestendi l-garanzija sal-14 ta' Gunju 2003. Huma ghalhekk irreferew din l-ittra lil konvenuti (Dok. LS8) pero dawn ma riedux jestendu l-garanzija oltre l-14 ta' Frar 2003 (vide Dok. LS 9) ghaliex fl-ebda hin ma ipprezentaw talba ghall-estensjoni u allura a bazi tat-talba li saret mid-Dipartiment tal-Kuntratti, il-Bank hallas is-somma ta' sitt mitt lira (LM600) kif del resto kien obbliga ruhu li jaghmel.

Ix-xhud esebiet ukoll statement dettaljat (Dok.10) fejn hemm indikat il-bilanc dovut fuq l-istess kont tas-socjeta konvenuta. Minn ezami ta' l-istess dokument ghandu jirrisulta li l-pagament li sar lid-Dipartiment tal-Kuntratti gie effettwat fl-20 ta' Gunju 2003 u dan wara li d-Dipartiment koncernat kien rega' kitbilhom u talabhom hlas (Dok. LS11). Ikkonfermat ukoll li ma kien sar l-ebda pagament lilhom akkont qabel ma giet pprezentata l-kawza odjerna.

**William Ambrogio** xehed nhar l-10 ta' Novembru 2005 u wara li gie muri l-istatement bankarju esebit fl-atti u markat bhala Dok. LS 10 qal illi huwa ma jaqbilx mal-ammont ta' imghaxijiet li qed jitlob il-Bank, mat-talba ghal hlas tal-'*legal expenses*' u mat-talba ghal hlas tal-garanzija imhalsa fl-ammont ta' sitt mitt lira (LM600).

Spjega illi sabiex il-Bank iggarantixxa din is-somma ta' sitt mitt lira ghan-nom tieghu (LM600) peress li ma kellux proprjeta jew depoziti ohra mal-bank biex ighamlu tajjeb ghal din il-garanzija, huwa kien fetah kont *savings* ghall-istess somma ta' sitt mitt lira LM600 f'isem bintu Anna Maria Ambrogio skond id-Dok WA1. Bintu pero nhar il-5 ta' Gunju 2003 kienet gibdet din is-somma flus bl-imghax li kien hemm, wara li kienet tat pre avviz ta' tlett ijiem lil bank skond id-Dok. WA3 esebit a fol.48 tal-atti u halliet bhala bilanc is-somma ta' tlettax-il lira u erbgha u sebghin centezmi Maltin (LM13.74).

Stqarr ulterjorment li l-bank kien kitiblu fil-21 ta' Jannar u talbu sabiex jivverfika jekk ridx igedded il-garanzija u f'kaz

affermattiv kellu ghalhekk ihallas l-ghaxar liri. Huwa fil-fatt ighid li xtaq igedded il-garanzija pero naqas li jinfurmahom. Ighid ukoll li naqas milli jhallas l-ghaxar liri (LM10) rikjesta mill-bank ghal tali estensjoni. Il-Bank ghalhekk ma kienx gedded din il-garanzija u ghalhekk id-Dipartiment tal-Kuntratti ried isarraf din il-garanzija. Il-Bank hallas u l-kont tieghu gie debitat bis-somma rispettiva ta' sitt mitt lira ohra (LM600). Huwa qed isostni li dan il-hlas ma messu qatt sar ghaliex dan l-ammont ta' flus jirraprezenta flus dovuta lil Gvern f'kaz ta' penali dovuta mis-socjeta konvenuta u fil-fehma tieghu ma kien hemm l-ebda penali dovut minnha.

Huwa gie muri d-dokument a fol.34 tal-process u cioe d-dokument LS 6 u kkonferma li huwa ma kien ta l-ebda struzzjonijiet lil Bank biex igedded il-garanzija. Huwa sostna li l-Bank ma messu qatt halla lil bintu tirtira il-flejjes li kellha depozitati l-Bank bhala garanzija meta talbet li tirtira l-flus ghaliex kieku l-Bank ma kienx ikollu ghalfejn jaddebita l-kont tieghu.

Huwa gie muri ukoll s-*Sanction Letter* esebita a fol. 35 u 36 u ddikjara li l-firma fuq din is-Sanction Letter hija tieghu u li qed jaccetta l-kundizzjonijiet hemm imsemmija fosthom *penalty interest* ta' 2%. Gie muri ukoll l-ittra esebita a fol.38 tal-atti u ddikjara li fuq din l-ittra huwa kien accetta li l-bilanc dovut lil-Bank kien dak mitlub minnu f'dik l-istess ittra u cioe is-somma ta' elfejn, erba' mija u wiehed liri u tnejn u tmenin ccentezmi Maltin(Lm2401.82). Qabel ukoll li kien obbliga ruhu li jaghmel tajjeb ghal dan id-debitu permezz ta' pagamenti li kellhom isiru kull tlett xhur fl-ammont ta' sitt mija u hamsin lira Maltin (LM650).

**Sheryl Ciappara** prodotta mill-Banka attrici xehdet nhar id-9 ta' Frar 2006 u esebiet statement dettaljat tal-kontijiet tal-konvenuti li jibda mill-1 ta' Gunju 1999 sat-30 ta' Gunju 2002 u dan gie markat bhala Dok. CC1.

Illi nhar is-16 ta' Novembru 2006 l-Banka attrici pprezentat nota ta' riduzzjoni fl-ammont ta' hmistax-il lira maltin (LM15) stante li dan il-hlas sar fil-mori tal-kawza.

Ikkunsidrat.

Fil-kaz prezenti l-Banka attrici adduciet dawn il-fatti:-

1. Illi l-Banka attrici kienet approvat li s-socjeta konvenuta Ambrose Ltd tinghata l-facilita ta' *overdraft facility* kif jirrizulta mis-Sanction Letter tal-istess Banka datata 18 ta' Gunju 1999 ghall-*encroachment* fis-somma ta' elfejn lira maltin (LM2,000).

2. Illi pero din il-facilita nghatat biss taht il-kundizzjoni li l-konvenuti Ambrogio jidhlu garanti in solidum mas-socjeta konvenuta ghad-debitu taghha, u fil-fatt il-konvenuti Ambrogio kienu disposti li jghamlu hekk.

3. Permezz ta' skrittura datata 24 ta' Gunju 1999 (Dok. B fol.3) il-konvenuti William Ambrogio u Maria Ambrogio iggarantew b'garanzija personali taghhom l-obbligazzjonijiet assunti mill-kumpanija konvenuta debitrici Ambrose Ltd.

4. Illi s-socjeta konvenuta eccediet l-'*encroachment*' moghti lilha ta' elfejn lira Maltin (LM2,000) bis-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000).

5. Illi l-Banka attrici ghalhekk talbet lill- konvenuti Ambrogio sabiex ikun hemm zieda fil-garanzija moghtija minnhom originarjament fis-somma ta' elfejn lira Maltin u dan b'elf lira Maltija ohra (LM1,000).

6. Illi effettivament il-konvenuti Ambrogio permezz ta' skrittura datata 11 ta Settembru 1999 (Dok C. a fol 5) intrabtu b'garanzija personali addizzjonali in solidum mas-socjeta konvenuta ghas-somma mitluba ta' elf lira Maltija (LM1,000).

7. Illi l-Banka attrici talbet kemm lis-socjeta konvenuta kif ukoll lill- konvenuti sabiex jissaldaw il-kont kurrenti taghhom pero dan nonostante baqa' ma sar l-ebda pagament akkont salv is-somma ta' hmistax-il lira (LM15) fil-mori tal-kawza.

8. Illi in oltre l-Banka attrici halset garanzija li s-socjeta konvenuta kellha favur id-Dipartiment tal-Kuntratti ghas-somma ta' sitt mitt lira Maltin (LM600) u sussegwentement iddebitat il-kont tas-socjeta konvenuta bis-somma ulterjuri ta' sitt mitt lira maltin (LM600).

9. Illi l-konvenuti kienu qablu li l-bilanc dovut mis-socjeta konvenuta lill-Banka attrici kien jammonta ghal elfejn erba' mija u wiehed liri u tnejn u tmenin centezmu (LM2,401.82), skond id-dokument iffirmat mill-konvenut William D'Ambrogio a fol. 38 markat Dok. LS9.

10. Illi l-bilanc dovut lill-Banka attrici mill-konvenuti illum jammonta ghas-somma ta' elfejn sitt mija wiehed u hamsin lira u sitta u sebghin lira Maltin (LM2651,76) (Dok. A fol.2).

Minn naha taghhom il-konvenuti jaddottaw din il-posizjoni:-

1. Il-konvenuti jiddikjaraw tramite x-xhud William Ambrogio li l-ammont mitlub mill-Banka attrici mhux kollu dovut, u li s-somma mitluba tinkludi interessi kapitalizzati u li l-Banka attrici ma messet qatt iddebitat il-kont tas-socjeta konvenuta bis-somma tal-garanzija mhalsa minnha lid-Dipartiment tal-Kuntratti meta hija kellha ghad-disposizjoni taghha l-kont bankarju ta' bint il-konjugi Ambrogio.

Rat il-prospett tal-konvenuti pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-24 ta' April 2007 fejn il-konvenuti urew il-fehma taghhom 'l ghaliex m'ghandhomx jigu kkundannati ihallsu s-sitt mitt lira garanzija, liema somma giet addebitata lil kont tal-konvenuti, u dan ghaliex stqarrew li l-bank kellu jfittex lil bint il-konvenuti li rtirat is-sitt mitt lira li kienu gew depositati f'isimha minnhom sabiex ighamlu tajjeb ghal din il-garanzija. In oltre sostnew li l-*payment interests* ma kienux dovuti lanqas ghar-ragunijiet imsemmija fin-nota taghhom.

Rat in-nota tas-socjeta attrici prezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-8 ta' Mejju 2007 fejn stqarret li l-konvenuti

kienu qablu li jhalsu l-*penalty interests* skond id-dokument iffirmat minnhom fuq indikat u markat bhala Dok. LS9 u li huma kienu halsu l-garanzija peress li kienu intrabtu legalment li jonorawha mad-Dipartiment tal-Kuntratti

Illi ghalhekk din il-Qorti qabel xejn sejra tispjega l-posizzjoni tal-konvenuti Ambrogio viz a viz il-Banka attrici u cioe dwar l-obbligazzjoni taghhom assunta miinhom meta iffirmaw il-garanziji in solidum mas-socjeta konvenuta a favur il-Banka attrici.

**L-Artikolu 1925** tal-Kodici Civili jiddefenixxi l-garanzija bhala dak il-kuntratt li bih wiehed jintrabat lejn il-kreditur li jissodisfa l-obbligazzjonijiet ta' wiehed iehor, jekk dan ma jissodisfahiex huwa nnifsu. L-iskop ghalhekk f'dan id-dispost intiz huwa dak li jigi garantit id-dejn ta' terza persuna, f'dan il-kaz is-socjeta konvenuta Ambrose Ltd. Ghaldaqstant meta wiehed jobbliga ruhu li jhallas id-dejn ta haddiehor fil-kaz li dan ma jhallasx dak id-dejn ikun hemm il-figura guridika tal-fidejussjoni **(Vol. XLIP 11 p924).** Issir referenza f'dan ir-rigward ukoll ghas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar it-3 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c vs Wilclaud Company Limited et.**

Kif jinsab stabbilit fl-**Artikolu 1929** tal-Kodici Civili "*il-garanzija ma tistax tkun prezunta, izda ghandha tkun espressa."* Tali hu l-kaz in dizamina, u cioe li l-garanzija hija espressa maghmula permezz tal-iskritturi fuq imsemmija. Fuq din it-tematika u ghal aktar approfondiment vide decizjoni fl-ismijiet "**Oreste Brincat nomine vs Perit u Arkitett Carmelo Falzon et proprio et nomine"** Appell Kummerjali 17, ta' Gunju 1991.

Il-konvenuti Ambrogio jaccettaw li l-bilanc reklamat mill-Banka attrici fl-ammont ta' LM2401.82 u dan kif irrizulta mi-xhieda ta' Louise Spiteri rapprezentant tal-Banka attrici li qalet li l-konvenuti Ambrogio kienu marru l-Bank u accettaw is-somma pretiza mill-Bank u fil-fatt kienu anke sahansitra ghamlu l-arrangamenti taghhom ta' kif kellhom ihalsu lura din is-somma. Illi mhemmx dubbju li din is-somma tinkludi l-hlas tal-garanzija tas-sitt mitt lira (LM600)

imhallsa mill-Banka ghan-nom tal-konvenuti lid-Dipartiment tal-Kuntratti u ghalhekk dwar jekk il-Banka kellux dritt ihallas din is-somma jew le il-Qorti ma thossx li ghandha tidhol fiha, stante l-ammissjoni tal-konvenuti li jghamlu l-pagament rikjest. Illi dak li qed jikkontestaw l-konvenuti huwa kif gie kalkolat l-interessi ghalkemm prospett ta’ kemm effettivament kellhom ihallsu huma ma gabux.

Rigward l-allegazzjoni ta’ l-imghaxijiet komposti huwa l-**Artikolu 1142** tal-Kodici Civili li jimponi c-cirkostanzi ta’ kif u meta kreditur jista jitlob l-imghax fuq l-imghaxijiet maghluqa. Dan l-Artikolu jrid jinqara mat-tlieta precedenti li flimkien jirregolaw id-danni dovuti meta jkun hemm ksur ta’ obbligazzjoni li jkollha bhala oggett “*il-hlas ta’ somma determinata*” (**art. 1139 Kodici Civili).** Dawn l-artikoli qed jitkellmu allura fuq obbligazzjoni ta’ mutwu, u mhux fuq obbligazzjoni naxxenti minn kuntratt ta’ “*overdraft*”. Kuntratt ta’ “*overdraft*” ma jittrattax obbligazzjoni ta’ somma determinata, tant hu hekk li l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza “**Warrington noe vs Sciberras”** deciza fit-8 ta’ Lulju 1985, kienet osservat li kuntratt li bih Bank jikkoncedi facilita’ lill-klijent mhiex titolu ezekuttiv, izda jehtieg dejjem li jkun hemm sentenza li tikkanonizza l-kreditu qabel ma’ l-Bank ikun jista jiehu proceduri ezekuttivi fir-rigward.

Li kuntratt ta self mhux l-istess bhala kuntratt ta’ *overdraft* johrog ukoll mit-taghlim ta’ l-awturi l-aktar kwotati bhala **Messineo, Vidari u Torrente**. Dan l-ahhar fil-fatt, ighid li “*l’apertura di credito non deve confondersi con il mutuo e nemmeno con il contratto preliminare di mutuo (promessa di mutuo).”* Dan l-istess awtur jkompli jispjega li *“mutuo e un contratto reale che si perfeziona dunque con la consegna della somma, l’apertura di credito e l’anticipazione bancaria sono invece, contratti consensuali: colui a cui favor l’una o l’altra e concessa puo disporre della somma, pagando per esempio, I fornitori o i propri debiti, senza che la somma sia a lui consegnata e senza che si stipuli un successivo contratto definito di mutuo, come sarebbe necessario se di promessa di mutuo si trattasse.”* (**Manuale di Diritto**

**Privato** 9 edizione pagina 592). Ta' l-istess fehma kienet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appel fis-sentenza "**Scicluna vs Zinelli**" riportata fil. Vol XXX.1.739 u l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-sentenza "**Piovano vs Fenech**" riportata fil-Vol XXVII.iii.466. Kwindi, ma tistax tghid li l-**artikolu 1142 tal-Kodici Civili** japplika meta l-Bank jikkoncedi fakolta t' *overdraft* li hu negozju kummercjali distint mill-mutwu regolat bil-Kodici Civili taghna.

Apparti din il-konsiderazzjoni, is-sistema adoperata mill-Bank li f'kaz ta' kont kurrenti (*overdrafts*) izidu l-imghax kull sitt xhur fuq il-bilanc, giet accettata nill-Qorti taghna bhala valida u legali f'diversi sentenzi fothom "**Scicluna vs Tufigno noe**" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-25 ta' April 1940, "**Busuttil vs Spiteri Debarro**" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-kummerc fil-15 ta' Jannar 1979, "**Mercieca noe vs Borg**" deciza mill-istess Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-6 ta' Ottubru 1994 u "**Bank of Valletta Ltd vs Dalli**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar 28 t' Ottubru 1999.

Din il-koncessjoni tibqa topera pero, f'kaz li jibqa jopera l-*overdraft facility*, ghax meta l-kont kurrent jigi terminat, l-imghax irid jigi kalkulat bis-sistema normali stabbilit fil-Kodici Civili (ara **Busutil vs Spiteri** gja kwotata). Dan isehh ghax la darba l-facilita tigi terminata, is-somma dovuta tigi determiata, u bhal obbligazzjoni li ghandha oggett taghha il-hlas ta' somma determinata ma jistax jintalab imghax fuq imghax jekk mhux kif kontemplat fl-**artikolu 1142 tal-Kodici Civili**.

F'dan il-kaz ma jirrizultax mill-provi li l-Bank waqqaf l-uzu ta' dan il-kont anzi mill-istatement irrizulta li l-kont baqa' miftuh bit-transazzjonijiet isiru. Hadd mill-konvenuti ma qal li l-Bank waqqaf l-uzu tal-kont.

Illi l-konvenuti ma resqu l-ebda prova f'dan ir-rigward li l-Banka attrici zammet interessi aktar milli messha. Kien jispetta lilhom li jressqu din il-prova.

GHALDAQSTANT din il-Qorti taqta' u tiddecidi l-kawza prevja c-cahda ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti takkolji d-

domanda tal-Banka attrici billi tikkundanna lill-konvenuti flimkien u in solidum ihalsu s-somma ta’ elfejn sitt mija u sitta u tletin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (LM2,636.76) rapprezentanti bilanc ta’ debitu tal-kont kurrenti ta-socjeta Ambrose Limited lil-Banka attrici flimkien ma l-imghaxijiet skond il-ligi.

L-ispejjes kollha tal-kawza u ta’ l-atti l-ohra konkomitanti ghandhom jitbatew mill-konvenuti solidalment bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------